MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Rikors Numru. 65/2009

**Joseph Buhagiar, Rita Buhagiar u Francis Buhagiar**

***Versus***

**Onorevoli Prim'Ministru, Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja u l-Avukat Ġenerali**

1. F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu rimedju għax qegħdin igħidu illi l-proċedura ta' arbitraġġ li huma jqisuh obbligatorju taħt l-artt. 36(3) u 109 tal-Att dwar Soċjetajiet Koperativi [Kap. 442] u l-art. 15(11) tal-Att dwar l-Arbitraġġ [Kap. 387] tikser il-jedd tagħhom għal smigħ xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti mħares taħt l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"].
2. Fissru illi nbdew proċeduri ta' arbitraġġ kontriehom (numru CS 2011/2009) taħt id-dispożizzjonijiet fuq imsemmija tal-liġi in konnessjoni ma-sħubija tagħhom fis-

soċjetà *Motor Towing Co-Operative Limited* u fil-kumitat ta' tmexxija tal-istess soċjetà. F'dawk il-proċeduri, huma ressqu l-eċċezzjoni preliminari illi t-tribunal tal-arbitraġġ ma għandux kompetenza għax l-arbitraġġ obbligatorju taħt dawk id-dispożizzjonijiet jikser l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni; għalhekk irrifjutaw li joqogħdu għall-ġurisdizzjoni tat-tribunal.

3. Igħidu illi tribunal ta' arbitraġġ jitqies "qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi" għall-għanijiet tal-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u "tribunal" għall-għanijiet tal-art. 6 tal-Konvenzjoni. Għalhekk għandu jkollu l-kwalitajiet kollha li jridu dawk l-artikoli tal-liġi, fosthom illi jkunu indipendenti u imparzjali.

4. Ikomplu jgħidu illi tribunal ta' arbitraġġ maħtur għall-għanijiet ta' arbitraġġ obbligatorju ma jagħtix garanzija xierqa u oġġettiva ta' indipendenza għal raġunijiet li fissruhom hekk:

«Illi *ai termini* tal-Kap. 387, iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ jaħtar gruppi (*panel*) ta' arbitri għall-arbitraġġi u l-arbitru irid jintgħażel minn dan il-grupp ta' arbitri. Iċ-Ċentru għandu d-diskrezzjoni sabiex jagħżel liema persuni huma, fil-fehma tiegħu, ikkwalifikati sabiex jinħatru bħala parti minn dan il-grupp (*panel*) ta' arbitri u jeżerċitaw il-funzjonijiet ta' arbitru u b'hekk din l-għażla hija għażla soġġettiva taċ-Ċentru. *Di più*, persuna tista' titneħħa minn dan il-grupp ta' arbitri miċ-Ċentru f kull żmien. *Ai termini* tal-istess Kap. 387, iċ-*Chairman* taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ għandu wkoll is-setgħa li jinnomina l-arbitru, jekk ma jkunx hemm qbil bejn il-partijiet.

«Illi *ai termini* tal-Avviż Legali 421 tal-2004 maħruġ taħt l-Att dwar l-Arbitraġġ, ir-Reġistratur taċ-Ċentru u l-Bord taċ-Ċentru għandhom is-setgħa joħorġu ordnijiet lill-arbitru rigwardanti l-immaniġġjar u t-tmexxija tal-proċedimenti tal-abitraġġ. Il-Bord għandu wkoll il-poter jieħu azzjoni dixxiplinarja kontra l-arbitru, inkluż, iżda mhux limitatament: ordnijijiet maħruġa in konnessjoni mal-proċedimenti; it-tneħħija tal-arbitru mill-arbitraġġ (anke minn każ li jkun qed jinstema' quddiemu); it-tneħħija tal-arbitru mill-grupp tal-arbitri; kif ukoll l-impożizzjoni ta' skwalifiki (artikolu 72).

«Illi għalhekk l-arbitru huwa sottomess għal deċiżjonijiet taċ-Ċentru u ċ-Ċentru jista' anke jneħħi l-arbitru minn każ

pendenti quddiemu. Iċ-Ċentru jista' jiddeċiedi, għal raġuni hi x'inhi, jekk jerġax jinnomina l-arbitru fuq każ. Jekk l-arbitru jibqax jitqies bħala mistħoqq sabiex jerġa' jingħażel jiddependi ħafna fuq apprezzament soġġettiv taċ-*Chairman* u taċ-Ċentru Malti dwar l-Arbitraġġ u, jekk ma jingħoġobx, l-arbitru jista' ma jingħażel qatt aktar biex iservi ta' arbitru. L-arbitru ma għandu l-ebda terminu fiss u ma għandu l-ebda *security of tenure.* Illi *di più* ċ-Ċentru huwa taħt il-kontroll tal-Ministru tal-Ġustizzja.»

5. Igħidu illi hemm dubbji wkoll dwar l-imparzjalità oġġettiva tat-tribunal ta' arbitraġġ kemm dwar il-mod kif hu magħmul, organizzat u regolat u kemm dwar il-ħatra u t-tneħħija tal-arbitru, għax l-arbitraġġ obbligatorju ma jħallix għażla lill-partijiet imorrux għall-arbitraġġ jew le, u għalhekk il-fiduċja tal-partijiet li jidhru quddiem it-tribunal tista' tiġi mxellfa jew tispiċċa għal kollox.

6. Billi għalhekk igħidu illi qegħdin jiġu mċaħħda mill-jedd għal qorti imparzjali u indipendenti kif iridu l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni, l-atturi qegħdin jitolbu illi l-qorti:

i. tgħid illi l-artt. 36(3) u 109 tal-Kap. 442 u l-art. 15(11) tal-Kap. 387 imorru kontra l-provvedimenti tal-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni u għalhekk "mhumiex vinkolanti";

ii. tordna illi l-proċess ta' arbitraġġ numru CS 2011/2009 kontriehom jieqaf; u

iii. tagħti dawk ir-rimedji u direttivi li jidhrulha xierqa sabiex jitħarsu l-jeddijiet fondamentali tagħhom.

7. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

i. il-Prim'Ministru ma huwiex kontradittur leġittimu u għalhekk għandu jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju – din l-eċċezzjoni ntlaqgħet b'sentenza tat-2 ta' Lulju 2010[1] li ħelset kemm lill-Prim'Ministru u kemm lill-Ministru tal-Ġustizzja mill-ħarsien tal-ġudizzju;

ii. għandhom jissejħu fil-kawża dawk li huma l-parti l-oħra fil-proċeduri ta' arbitraġġ kontra l-atturi biex jitħares ukoll l-interess tagħhom – il-qorti ipprovdiet dwar din l-eċċezzjoni b'dikriet tat- 2 ta' Lulju 2010 billi ordnat in-notifika tal-atti lill-persuni msemmija fl-eċċezzjoni b'dan illi jekk lil dawn jidhrilhom li huwa fl-interess tagħhom

1 *Fol.* 34 *et tergo.*

kellhom jagħmlu talba f'żmien għoxrin jum min-notifika biex jitħallew jidħlu fil-kawża *in statu et terminis*; għalkemm in-notifika saret, it-talba ma saritx;

iii. għandha ssir prova tal-fatti esposti fir-rikors, billi fost ħwejjeġ oħra tinġieb fl-atti kopja tal-istatut tas-soċjetà koperativa *Motor Towing Co-Op Limited*;

iv. ma hemm ebda ksur tal-jeddijiet fondamentali tal-atturi fil-proċeduri ta' arbitraġġ għax:

a. l-atturi għandhom jagħmlu prova tal-i*status* ta' vittma kif iridu l-art. 46 tal-Kostituzzjoni u l-art. 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja [Kap. 319];

b. il-proċedura ta' arbitraġġ taħt l-artt. 36(3) u 109 tal-Kap. 387 ma hijiex proċedura ta' arbitraġġ obbligatorju jew mandatorju għax il-proċedura dwar soċjetajiet koperativi ma hijiex imsemmija fir-Raba' Skeda tal-Kap. 387, għax l-artt. 36(3) u 109 iħallu f'idejn il-partijiet fit-tilwima jekk imorrux arbitraġġ, u għax huwa biss jekk l-istatut tas-soċjetà – li kull membru huwa ħieles jisseħibx fiha jew le – jipprovdi illi t-tilwim imur arbitraġġ illi l-membru huma marbuta li jmorru arbitraġġ;

c. ladarba l-arbitraġġ taħt il-Kap. 442 ma huwiex obbligatorju, ma jgħoddx għalihom l-art. 15(11) tal-Kap. 387; u

d. ladarba l-partijiet daħlu għall-arbitraġġ minjeddhom, ma jistgħux jilmentaw dwar il-mod kif jintgħażel u jitneħħa arbitru; u

v. ukoll jekk l-arbitraġġ jitqies obbligatorju, xorta hemm is-salvagwardji meħtieġa fil-mod kif jinħatar u jitneħħa arbitru biex jitħares bis-sħiħ dawk li jridu l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni għax:

a. arbitru jinħatar bi qbil bejn il-partijiet, u jinħatar miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ["iċ-Ċentru"] biss jekk ma jkunx hemm qbil;

b. meta ma jkunx hemm qbil, il-fatt illi l-arbitru jinħatar miċ-Ċentru ma jfissirx li l-arbitru sejjer ikollu ndħil u għalhekk ma jkunx indipendenti;

c. ma saritx allegazzjoni jew prova li effettivament kien hemm indħil mill-gvern eżekuttiv, jew li l-gvern għandu xi interess fil-mod kif titmexxa l-koperativa;

d. l-art. 4(4) tal-Kap. 387 igħid illi ċ-*Chairman* taċ-Ċentru u l-membri tal-bord għandhom jaqdu dmirhom mingħajr ebda ndħil;

e. l-art. 23 tal-Kap. 387 u r-regg. 5 u 6 tar-Regoli dwar l-Arbitraġġ [L.S. 387.01] jaħsbu għall-imparzjalità u l-indipendenza tal-arbitri;
f. l-art. 24 tal-Kap. 387 jaħseb għar-rikuża ta' arbitru, li huwa soġġett ukoll għar-*Rules of Ethics for Arbitrators* maħruġa miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ;
g. l-art. 10(6) tal-Kap. 387 jgħid illi arbitru ma jistax jitneħħa minn xi proċedimenti ta' arbitraġġ li huwa jkun seta' diġà ġie maħtur fihom; u
h. hemm ukoll dritt ta' appell limitat minn deċiżjoni tal-arbitru; u
i. ma saret ebda allegazzjoni jew prova illi l-arbitru fil-każ tal-atturi fil-fatt miexi jew sejjer jimxi b'mod parzjali jew mhux indipendenti.

8. It-talbiet tal-atturi huma mibnija fuq il-premessa illi l-arbitraġġ huwa wieħed obbligatorju u li ma kellhomx għażla jmorrux jew le għal arbitraġġ. Għalhekk, jekk jintwera illi l-arbitraġġ fil-każ tal-atturi ma kienx obligatorju, bħal ma jgħidu l-konvenuti fl-eċċezzjoni (iv.b) miġjuba fuq, taqa' l-premessa tal-atturi u magħha jaqgħu wkoll it-talbiet tagħhom.

9. It-tilwima li dwarha nbdew il-proċeduri ta' arbitraġġ kontra l-atturi hija dwar jekk l-atturi humiex qegħdin iħarsu l-obbligi tagħhom bħala membri u uffiċjali ta' soċjetà koperativa. It-tilwima għalhekk, kif sewwa jgħidu l-atturi stess fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom[2], taqa' taħt l-artt. 36(3) u 109 tal-Kap. 442:

**36.** (3) Kull kwistjoni li tinqala', dwar xi waħda mill-affarijiet imsemmija fl-artikolu 109, għandha, jekk tkun inkluża fl-istatut ta' soċjetà, jew jekk ikun hemm qbil fuqha bejn il-partijiet involuti fit-tilwima, tiġi riferita għall-arbitraġġ minn arbitru li jinħatar mill-President taċ-Ċentru ta' l-Arbitraġġ ta' Malta, f'liema każ il-membri tas-soċjetà għandhom jikkonformaw ruħhom skond il-lodi li jingħata mill-arbitru. Is-sħubija f'soċjetà awtomatikament timplika ftehim taċitu, min-naħa tal-membru, li jkun se joqgħod għall-arbitraġġ kif hawn aktar qabel imsemmi.

**109.** (1) Jekk tinqala' xi kwistjoni dwar … … … il-ġestjoni jew ix-xogħol ta' soċjetà [koperativa] –
(*a*) bejn il-membri … … …; jew

---
2 *Fol*. 39 *tergo*.

(*b*) bejn membru … … …, u … … … xi uffiċjal tas-soċjetà,
għaldaqstant dik il-kwistjoni tista', u jekk ikun hekk provdut fl-istatut ta' soċjetà jew jekk ikun hemm ftehim dwar dan bejn il-partijiet involuti fit-tilwima għandha, tintbagħat għall-arbitraġġ quddiem arbitru li jiġi maħtur mill-President taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta.

10. Il-liġi tgħid illi dik il-kwistjoni *tista'* u mhux *għandha* tintbagħat għall-arbitraġġ, li huwa għalhekk volontarju mhux obbligatorju. Il-kwistjoni *għandha* tintbagħat għall-arbitraġġ f'żewġ sitwazzjonijiet: fejn hemm ftehim bejn il-partijiet u fejn l-istatut tas-soċjetà hekk jipprovdi. Ftehim bejn il-partijiet ma kienx hemm u jekk l-istatut jipprovdix hekk jew le ma nafux għax ma ntwerietx kopja tiegħu, iżda jekk l-istatut ma jipprovdix għal arbitraġġ, mela l-atturi ma humiex marbuta, waqt li jekk jipprovdi għal arbitraġġ, kienu l-atturi li minjeddhom intrabtu li jmorru arbitraġġ meta liberament għażlu li jissieħbu fis-soċjetà. Ma jistgħux jieħdu l-vantaġġi tas-sħubija bla ma joqogħdu wkoll għall-obbligi li kienu jafu bihom u li ntrabtu bihom b'rieda ħielsa meta għażlu li jissieħbu. F'kull każ, għalhekk, kemm jekk isir ftehim dwar arbitraġġ wara li tinqala' t-tilwima u kemm jekk il-ftehim isir minn qabel bis-sħubija u bl-adeżjoni mal-istatut, hija b'rieda tal-partijiet u mhux b'impożizzjoni tal-liġi li jsir l-arbitraġġ. Dan huwa arbitraġġ volontarju mhux obbligatorju.

11. Għal din ir-raġuni, it-talbiet tal-atturi, imsejsa fuq il-premessa li l-arbitraġġ huwa obbligatorju, ma jistgħux jintlaqgħu u l-qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni relativa tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet tal-atturi.

12. Tikkundanna lill-atturi jħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------